**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta 30 ta' Ottubru 2018**

**Rikors Guramentat Numru:- 34/2016JVC**

**Paul Portelli**

**vs**

**William Portelli**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat tal-attur illi ppremetta:

1. 'Illi l-esponenti huwa fil-pussess ta' raba li Ta' Spilotti, fl-inhawi ta' Triq tad-Duru limiti ta' Nadur, Ghawdex;

2. Illi fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016), jew gurnata verjuri qrib dik id-data, l-intimat qabbad lil certu Daniel Camilleri jahrat din ir-raba, u jharbat parti sostanzjali ohra minn din l-istess raba;

3. Illi dan l-agir jikkostitwixxi disturb fil-pussess tal-esponenti inkwantu jirrendi ferm iktar difficli l-access da parti tieghu ghar-raba tieghu;

4. Illi l-esponenti kien immedjatament rega' ha l-pussess lura tar-raba li kien fil-pussess tieghu, u mbaghad, permezz ta' ittra nterpellatorja tat-12 ta' April 2016, u ittra ufficjali tas-27 ta' April 2016, stieden lill-intimat sabiex jaghlaq il-kapitolu billi jirrikonoxxi formalment li huwa kkommetta spoll, jintrabat li f'ebda okkazjoni ohra ma jerga jidhol f'din ir-raba minghajr il-kunsens tal-esponenti;

5. Illi minflok ma ghamel dan, l-intimat irrisponda b'ittra tal-21 ta' April 2016, fejn irreklama li din ir-raba tinsab fil-pussess tieghu;

Talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu tar-rikorrenti fir-raba' tieghu "Ta' Spilotti" fl-inhawi ta' Triq tad-Duru, limiti ta' Nadur, Ghawdex meta f'xi gurnata qrib id-disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu 2016 il-konvenut qabbad lil Daniel Camilleri jahrat parti minn din ir-raba;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tat-12 ta' April 2016, u dik ufficjali tas-27 ta' April 2016 u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa l-konvenut ingunt.

Bir-rizerva ta' kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti kontra l-konvenut, senjatament kawza ghar-rizarciment tad-danni sofferti mill-mittenti per konsegwenza tal-agir abbuziv u llegali da parti tal-konvenut.'

Rat ir-risposta guramentata ta' William Portelli illi eccepixxa:

(i) 'Illi fl-ewwel lok ai termini tal-Artikolu 158 tal-Kap. 12 il-konvenuti jiddikjaraw illi huma qed jikkontestaw l-premessi kollha tal-atturi kif maghmula fir-Rikors Guramentat taghom;

(ii) Illi t-talbiet tal-attur kif dedotti fir-Rikors Guramentat tieghu huma nfondati fid-dritt u fil-fatt;

(iii) Illi fil-fatt din l-azzjoni ma tistax tirnexxi peress illi ma jissustixxux l-elementi ta' spoll u cioe' l-possidesse, spoliatum fuisse u infra bimestre deduxisse;

(iv) Illi l-konvenut ma kkommetta l-ebda spoll fil-konfront tal-attur u ghalhekk it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu;

Ghaldaqstant it-talbiet kollha tal-atturi ghandhom jigu respinti.

Bl-ispejjez kontra taghhom.

Salv eccezzjonijiet ohra fil-fatt u fid-dritt.'

Rat l-affidavits, xhieda, kontro-ezamijiet u provi kollha mressqa fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 21/2106 allegat permezz ta' digriet ta' din il-Qorti datat 12 ta' Gunju, 2017;

Wettqet access fir-raba in kwistjoni fil-prezenza tal-avukati tal-partijiet, il-partijiet u x-xhud principali f'din il-kawza Joseph Grech li ta x-xhieda tieghu bil-gurament seduta stante fuq is-sit nhar il-31 ta' Mejju, 2018;

Rat illi fil-verbal tal-31 ta' Mejju, 2018 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom mill-Qorti;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija kawza ta' allegat spoll fejn l-attur Paul Portelli jsostni li huwa ghandu fil-pussess tieghu medda ta' raba' ta' daqs sostanzjali fiz-zona maghrufa bhala 'Ta Spilotti' kif ukoll maghrufa bhala l-wita jew il-Witja tal-Hanaq fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex. Ir-raba' li skont l-attur giet spoljata hija dik immarkat bil-kulur isfar u bl-ittra B fuq il-pjanta a fol. 4 tal-process.

Da parti tieghu l-konvenut William Portelli jikkontesta l-kawza billi jsostni li ma jezistux l-element ta' spoll sabiex tirnexxi l-kawza tal-attur. Il-konvenut fl-atti ma jichadx li kien hu li qabbad in-nies sabiex jahartu l-ghalqa in kwistjoni izda jsostni li mhux minnu li l-attur Pawlu Portelli kellu l-pussess tal-istess ghalqa stante li skont hu huwa xtara din l-ghalqa permezz ta' kuntratt li jmur lura ghas-sena 2010 u minn dak iz-zmien 'il quddiem kien hu li hadem ir-raba in kwistjoni. L-attur fir-rikors guramentat tieghu jghid li wara l-allegat spoll huwa rega' ha lura l-pussess tal-ghalqa in kwistjoni izda ghalkemm interpella lil huh il-konvenut sabiex jammetti l-ispoll u jiddikjara li mhux ser jersaq aktar fl-istess art (ara ittri legali a fol. 11 n 12 u ittra ufficcjali a fol. 6) huwa baqa' inadempjenti, allura kellu jintavola l-proceduri odjerni.

**Bazi legali:**

Illi l-elementi fil-kawza ta' spoll jirrizultaw mill-artikolu 535 (1) tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:

"Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, imnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista', fi zmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terga' tigi mqieghda f' dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-Artikolu 791 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura C□ivili."

Illi skont l-artikolu 535 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-azzjoni ta' spoll vjolenti ghandha bhala elementi kostituttivi taghha tliet

fatturi: il-pussess ***(possedisse),*** l-att spoljattiv ***(spoliatum fuisse)*** u dan l-att sar fi zmien xahrejn qabel ma giet intavolata l-azzjoni ***(infra bimestre deduxisse).***

L-*actio spolii* hija radikata fuq l-esigenza ta' utilita' socjali, intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat milli jiehu l-gustizzja f'idejh, b'dan li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat. Din l-azzjoni ghandha l-iskop li tassigura li jigi ripristinat l-ordni socjali li l-persuna li tkun vjolentement spussessata tigi qabel xejn reintegrata fil-pussess taghha: *Spoliatur ante omnia restituendum*. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla din l-azzjoni huwa ta' ordni pubbliku u huwa nerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista' jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati.[1]

Illi huwa maghruf ukoll li f'kawzi simili, l-indagini tal-Qorti ghandha tkun limitata sew. Fil-kawza fl-ismijiet Delia vs Schembri (deciza mill-Prim' Awla fl- 4 ta' Frar 1958) gie ritenut illi:

*'L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun, li jigi vjolentement jew okkultament mehud minghand il-possessur jew detentur, u gie deciz kemm-il darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali, u hija nerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jez□ercitah minghajr intervent tal-Qorti.'*

---

[1] *Ara Vol.XLII.II.973; Vol.LXXXII.II.79 u 500.*

Illi fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa "qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato". (Vol III Sez. 52).

Illi fil-kawza Margherita Fenech vs Pawla Zammit (deciza fit-12 ta' April 1958) jinghad illi:

*'L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.'*

Illi kif ukoll gie ritenut:

*'Kif kellha okkazzjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda leg□islazzjoni oħra u kompliet tghid illi għalhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux g□uristi u awturi Franc□izi u Taljani huma għal kollox irrilevanti u napplikabbli fil-kuntest tal-ordinament g□uridiku taghna'* (Cardona vs Tabone, Appel Civili, deciza fid-9 ta' Marzu 1992).

Konformament, gie ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li:

*'All'attore in reintegrazione e' sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione ..'*[2]

Il-pussess li tirrikjedi l-ligi fl-ispoljat ghall-fini tal-azzjoni tar-

[2] Ara *Camilleri v Agius P A.20/10/1882.*

reintegrazzjoni huwa kwalunkwe pussess 'materiale' u 'di fatto[3]':

Spoll vjolent u abbusiv:

*'jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li mar proprio jmur kontra l-persuna spoljata'*[4]

u

*'neanche e' permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo dominii o no perche' la legge non richiede che un possesso materiale di fatto.'*[5]

Ghalhekk pussess kwalunkwe, anki purament materjali u *di fatto*, anke qasir hafna u sahansitra momentanju huwa sufficjenti, basta jkun univoku u ma jkunx bazat fuq mera tolleranza.[6]

Illi dwar it-terminu ta' xahrejn fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet Trevor Arends et vs. Veronica Mizzi deciza nhar il-11 ta' Jannar, 2013 dik il-Qorti ddikjarat kif isegwi:

*'dan it-terminu ta' xahrejn huwa element, li kif gie deciz kemm-il darba, ghandu jigi pruvat mill-attur. Ir-rekwizit li l-azzjoni ta' spoll ghandha ssir fi zmien xahrejn mill-allegat spoll huwa rekwizit essenzjali li johrog mill-artikolu tal-ligi stess u l-gudikant ghandu jkun sodisfatt li dan jissussisti ndipendentement minn*

[3] *Ara Vol.XXXVII.I.280.*
[4] *Ara Vol.XLI.II.1133.*
[5] *Ara Vol.X-556;Vol.LXXXIII.II.76;Vol.XXXVII.I.28; Vol.XXXII.II.49.*

[6] *Ara Vol.XXXII.II.642; Vol.LXXXIII.II.79.*

*jekk jitqajjimx fl-eccezzjonijiet jew le.'*

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imh. N. Cuschieri) f'Alfred Paul Farrugia nomine v. Peter Paul Cutajar, (13.02.2004) irriteniet illi:

*"Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix provat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma tistax treggi."*

Aktar specifikatament f'Georgina Borg v. Errol Cassar et (21.10.2002) il-Prim'Awla (Imh. Ph. Sciberras) dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll qalet hekk:

*'Huwa veru li dan il-punt ma giex formalment eccepit, kif normalment u guridikament wieħed kien jistenna in bazi għal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu 'it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l- azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f'kull kaz ta' din ix- xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn'.* (MichelAngelo Fenech nomine v. Alfred Camilleri, Prim' Awla, Qorti C□ivili, per Imh. Said Pullicino, 22 ta' Frar 1992).

**Provi:**

Illi sabiex jissostanzjaw il-pretensjonijiet il-partijiet ressqu diversi xhieda u dokumentazzjoni fosthom numru ta' kuntratti da parti tal-konvenut William Portelli. Illi bhal ma spiss iddikjarat din il-Qorti f'decizjonijiet

precedenti taghha f'kawzi ta' spoll, inkluz f'kawzi bejn l-istess partijiet, f'kawza ta' spoll il-Qorti mihijiex rikjesta li tidhol fit-titolu tal-proprjeta' in kwistjoni izda hija biss mistennija li taghmel analizi ta' min kellu l-mera detenzjoni jew pussess tal-proprjeta' in kwistjoni fil-mument tal-ispoll u dan stante li kawza ta' spoll hija ntiza sabiex tipprotegi l-pussess u xejn aktar ghalhekk il-Qorti tqis li din id-dokumentazzjoni li hafna minnhom iressqu provi fuq titolu u mhux pussess ftit li xejn jitfghu dawl fuq il-vertenza odjerna bejn il-partijiet.

Illi l-Qorti rat il-provi kollha mressqa fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni allegat bin-numru 21/2016 fejn fost ohrajn xehed l-attur odjern Paul Portelli fejn huwa jghid li ilu jahdem l-art kollha nkluz il-parti in kwistjoni mis-sena 1972. Fl-atti tal-kawza jirrizulta li huwa ghamel zmien emigrat u rritorna lura fis-snin tmenin. Huwa jinsisti li f'parti mill-art ihalli bicca bis-silla u l-buzbiez ghax skont hu xorta johduh ghall-annimali. Fuq id-domanda jekk il-persuni li bieghu lil huh William Portelli qalulux sabiex jixtri hu din l-art (fosthom ohru Rita Portelli) huwa jichad li qalulu biex jixtrih. Skont hu dawk li xehdu li jaraw lil William Portelli jahdem ir-raba' in kwistjoni qed jigdbu. Jixhed li r-raba' hu ma jafx ta' min hu izda qieghed f'idejh.

Fl-atti tal-kawza odjerna a fol. 34 et seq tal-process rat l-affidavit ta' Pawlu Portelli fejn fost affarijiet ohra jixhed kif isegwi:

*'Din r-raba' ilha fil-pussess tieghi ghal snin twal. L-iktar li nizirghu fiha huwa zergha sabiex inkunu nistghu naghlfu l-bhejjem. Tul dawn is-snin kollha lili qatt hadd ma avvicinani sabiex ma nidholx go dik ir-raba jew qalli li hemm huwa tieghu.*

*Tul dawn is-snin kollha jien dejjem hdimtha din ir-raba. Hdimtha b'ghajnuna ta' terzi li kont nqabbad sabiex jghinuni nahdem ir-raba kollu li jien ghandi.'* (fol. 34)

A fol. 45 sar il-kontro-ezami tieghu fejn jikkonferma a fol. 48:

*'Ghax dik kollha, l-ghaxart (10) itmiem raba ilha f'idejja mill-eighty four (84).'*

Jixhed li missieru kien qallu li sidha mitluf izda fuq domandi ulterjuri jammetti li:

*'ma nafx inhiex inhallas jew sidha mitluf'* (fol. 50).

A fol. 52 jinsisti li r-raba' in kwistjoni qatt ma kienet gmiem u li kien jahdimha hu. Mistoqsi jekk jafx li l-konvenut William Portelli xtara din l-art jirrispondi li ma jafx. Jikkonferma izda li wara l-allegat spoll huwa rega' dahal fir-raba. Jikkonferma li hu kien iqabbad lil certi Joseph Portelli u Jesmond Xerri sabiex jahdmulu f'din ir-raba. Dawn it-tnejn ukoll xehdu fil-proceduri odjerni. Jghid li meta sar jaf li xi hadd kien hadem din ir-raba' huwa ffaccja lil Daniel Camilleri:

*'Daniel Camilleri wegibni li kien William Portelli li qabbdu jaghmel dak ix-xoghol. Jien lil Daniel kont ghidtlu biex ma jergax jidhol hemm gew ghaliex hemm tieghi u huwa skuza ruhu ta li gara u weghdni li mhux se jerga' jidhol hemm gew.'* (fol. 35)

Fl-affidavit tieghu x-xhud Tarcisio Said a fol. 36 tal-process jikkonferma li minn dejjem jaf lil Pawlu Portelli u lil ibnu Stephen Portelli jahdmu r-raba

in kwistjoni u jghid li anki talbu permess biex jghaddi. Jikkonferma wkoll li qatt ma jaf lil William Portelli hemm. Fil-kontro-ezami tieghu a fol. 136 et seq tal-process jixhed li jaf li z-zijiet ta' l-attur Pawlu Portelli kellhom bicca raba' dejqa hemmhekk imma ma jafx fejn. Jinsisti li qatt ma ra lil Joseph Grech hemm. Jghid li huwa jaqsam bi dritt minn fuq ir-raba ta' Pawlu ghal go tieghu u li talab il-permess lil Pawlu Portelli ghaliex hu l-aktar li ghandu raba' f'dawk l-inhawi anzi fi kliemu Pawlu Portelli hemmhekk ghandu bicca kbira. Mistoqsi jekk jafx liema raba' xtara William Portelli jghid li ma jafx.

A fol. 37 gie esebit l-affidavit ta' Joseph Portelli. Huwa jsostni li kien jahdem ix-xoghol fir-raba in kwistjoni dejjem mqabbad minn Pawlu Portelli. Jinsisti li huwa jaf li Pawlu Portelli ilu fil-pussess ta' din ir-raba' minn meta gie lura mis-safar f'nofs is-snin tmenin. Ikompli:

*'Tul dawn is-snin kollha qatt hadd ma kellimni fejn qalli li hemm huwa r-raba' tieghu jew saqsini x'kont qed naghmel hemm hekk. Dan ir-raba' kien jinhadem biss minn Pawlu Portelli jew persuni nkarigati minnu bhala per ezempju Jesmond Xerri (maghruf tal-Kawja) li kien jigi jahrat l-ghalqa mertu tal-kawza. Dan kien jigi l-aktar meta konna nkunu ser nizirghu. Kien jigi ukoll Anthony Micallef li jien nafu bhala 'il-Barkuna' li kien iqieghed id-demel f'dan ir-raba.'*

Jghid li meta waqaf hu madwar sentejn qabel ix-xhieda tieghu, ix-xoghol li kien jaghmel hu komplieh Pietru Said (ara fol. 38).

Fil-kontro-ezami tieghu a fol. 136 et seq jghid li jaf li z-zijiet ta' Paul Portelli kellhom raba' aktar 'il fuq mir-raba' in kwistjoni. Jghid li jaf ukoll lil Joseph Grech u jaf li kellu raba' hemm fl-istess wita. Skont dan ix-xhud Joseph Grech kien jahdem raba' qrib jew tmiss ma' ta' Paul Portelli. Mistoqsi jekk jafx fejn jibda r-raba ta' Joseph Grech jghid li hemmhekk kwazi kollu ta' Pawlu. Isostni li lil Joseph Grech ftit li xejn kien jarah hemmhekk. Jikkonferma wkoll li gieli dahal f'ta Joseph Grech inehhi dak li jkun hemm mal-hitan fuq ordni ta' Pawlu (fol. 149). Qatt ma ra lil Joseph Grech jigbor hemm. Jghid li meta kkonferma l-pjanta fl-affidavit huwa raha sew ghax seta' jara l-wied. Fl-awla ma kienx jaf jindika fuq il-pjanta liema hi r-raba li huwa jaf bhala ta' Joseph Grech.

A fol. 39 jixhed permezz ta' affidavit Jesmond Xerri. Dan ix-xhud jghid missieru kien jitqabbad minn Pawlu Portelli sabiex jahrat din l-art minn meta huwa kien tifel zghir u hu kien ikun mieghu. Jghid ukoll li huwa kompla wara missieru l-ahhar hames snin. Jixhed li tul il-snin:

*'Ma waqqafna hadd tul dawn is-snin kollha u qatt ma kellna nkwiet. Nghid li tul dawn is-snin kollha jien dejjem lil Pawlu Portelli naf li ghandu pussess ta' dik ir-raba'. Qatt ma kellmuni terzi persuni li saqsewni x'kont qed naghmel hemm jew inkella qaluli biex minn hemm ma nghaddix. Li kont nara fuq il-post kienu lil Pawlu nnifsu, it-tifel tieghu u xi haddiema ohra tieghu. Kien ikun Pawlu Portelli li kien iqabbadna naghmlulu x-xoghlijiet u kien hu l-ihallasna.'*

A fol 157 fil- kontro-ezami tieghu jixhed li kull sena f'Novembru jahrat u f'Mejju jahsad. Jaghti deskrizzjoni tal-art ta' Pawlu Portelli kif isegwi:

*'Hemm qisu bhal gandott u jibqa' tiela' hekk ghal taht in-Nadur.'*

Jinsisti li ilu snin jidhol hemm minn meta kien zghir. Fuq domanda qattx ra lil William Portelli hemm jghid li le qatt ma rah. Jerga' jikkonferma li r-raba' indikata fuq il-pjanta a fol. 4 kienu jahdmuh kollu hu u missieru fuq ordni tal-attur Pawlu Portelli. Jinsisti li Pawlu kien iqabbadhom jahdmu r-raba kollha ghalkemm jaf li kien hemm xi qsami. Jikkonferma dak li xehed ukoll l-attur Pawlu Portelli li jekk kien ikun hemm bicca silla kienu jhalluha ghax juzawha.

A fol. 40 jinsab l-affidavit ta' Anthony Micallef li jghid li huwa ghamel l-ahhar hmistax-il sena jitfa' d-demel fir-raba' in kwistjoni fuq ordni ta' Pawlu Portelli:

*'Lili qatt hadd ma prova jwaqqafni milli nidhol go dan ir-raba'. Qatt ma rajt terzi persuni go fiha hlief xi haddiem li naf li jaghmlu xoghol ghal Pawlu Portelli. Il-hlas ta' xoghol li naghmel jiena nircievih direttament minghand Pawlu.'*

Fil-kontro-ezami tieghu a fol. 128 et seq jikkonferma li f'dik iz-zona kien jitfaghlu fi tliet partijiet. Jikkonferma wkoll li dik il-parti kienu jafuha bhala l-wita. Jinsisti li r-raba' kollu kienu ikun mahdum fuq ordni ta' Pawlu Portelli. Jghid li Pawlu jahsad ezatt sa fejn hemm il-qasab fuq in-naha tal-wied. Jikkonferma li lill-konvenut William Portelli qatt ma rah hemm.

Iben l-attur Stephen Portellli xehed permezz ta' affidavit a fol. 43 tal-process, fejn f'parti minnu jghid kif isegwi:

*' . . . nirribadixxi li dan ir-raba' jien dejjem nafu fil-pussess ta' missieri minn ckuniti u qatt ma kellna problemi ma' terzi fejn sahqu li dak ir-raba huwa taghhom jew inkella rajt terzi persuni go dan ir-raba minghajr l-awtorizzazzjoni ta' missieri ghajr ghal din l-okkazzjoni meta nhartet din il-bicca raba.'* (fol. 44)

Illi da parti tieghu l-konvenut William Portelli jressaq in sostenn tal-verzjoni tieghu bosta affidavits da parti tal-persuni li bieghu lilu l-proprjeta'. A fol. 64 xehdet permezz ta' affidavit Angela Muscat. Skont din ix-xhud hi flimkien ma' kugini ohra kienu wirtu din l-art u kien jahdimha wiehed minnhom Joseph Grech gia msemmi aktar 'il fuq. Hija tghid li meta gew biex ibieghu l-istess art lura fis-sena 2010 kienu ofrewha lil Pawlu Portelli izda ma ridhiex (johrog fil-kontro-ezamijiet li hija taf li ofrewha ghaliex infurmata Rita Portelli). Ghalhekk kienu bieghu l-art lil William Portelli u skont hi minn meta xtara din l-art fis-sena 2010 kien William Portelli li jahdimha u jlaqqat il-huxlief taghha. Fl-affidavit izda ma tikkonfermax fejn hi r-raba in kwistjoni w'lanqas tghid li rat b'ghajnejha lil William Portelli jahdem l-istess raba. Fil-fatt fil-kontro-ezami taghha a fol. 111 et seq tal-process tixhed li hi qatt ma marret fir-raba u lanqas ghandha raba fil-vicin. Tghid izda li kienet tara niezel minn fuq fejn hemm ir-raba' Joseph Grech. Tixhed li meta mar il-Perit biex jaghmlu d-denunzja ma kinitx taf liema hi r-raba'. A fol. 115 tikkonferma li hi ma tafx liema hi r-raba li qed jikkustinjaw fuqha William u Pawlu Portelli.

Fl-affidavit taghha a fol. 65 Maria Muscat tista' tghid tixhed l-istess affarijiet bhal Angela Muscat. Tghid ukoll li sa fejn taf hi l-kugin taghha Joseph Grech ghamel erbghin sena jahdem din ir-raba. Fil-kontro-ezami taghha a fol. 98 et seq tikkonferma li hi ma kinitx tmur f'din ir-raba u taf li kien imur Joseph Grech ghax kien jghidilha hu. Skont hi kienet ukoll tarah ghax ghandha raba' vicin ir-raba' in kwistjoni.

Ix-xhud Coronata Attard ukoll tixhed fuq l-istess linji bhall-ahhar zewg xhieda hawn fuq imsemmija. Fil-kontro-ezami taghha izda a fol. 186 et seq tghid li l-ahhar li nizlet fir-raba kien fis-snin sittin meta kienet ghadha tifla. Tixhed li r-raba' li nbieghet lil William Portelli kienet f'idejn iz-zija taghha Angela u mizzewga lil Frencu Portelli. Skontha, hi u l-kugini, lil William Portelli bieghulu bicca raba' wahda. Taf li kien hemm bicca wahda izda ma tafx il-kejl taghha – ma tafx tindika r-raba' li bieghet fuq il-pjanta – taf li kien jigbor Joseph Grech minn go fiha ghax kien qalilha Joseph Grech mhux ghax ratu.

A fol. 66 xehdet oht il-partijiet Rita Portelli. Hija kienet ukoll xeheet fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni anness fejn qalet li skont hi r-raba' in kwistjoni ma jinhadimx u jitlaqqat biss li jibqa'. Fix-xhieda taghha fil-process odjern tghid li l-art mibjugha lil William Portelli ntirtet min-naha ta' missier ir-ragel taghha u kienet tinhadem mir-ragel taghha. Fl-2010 offrewha lil Pawlu Portelli izda ma riedx jaf u gie William Portelli u bieghu l-art lilu. Skont hi William Portelli kien dejjem jigbor il-huxlief minnha u qabel Joseph Grech. A fol. 69 izda tixhed kif isegwi:

*'Ma tantx naghrafhom hafna, taf qalbi! Ghax jien, biex morna rajniha, li kien jahdimha l-ahhar gie jurina fejn hi, ghax l-anqas kont naf fejn hi, dakinhar sirt naf fejn hi. Ghax ir-ragel tieghi kien imur u s-subien.'*

A fol. 70 terga tghid li hi darba marret fir-raba' mibjugha lil William Portelli u dan darba biss meta kejluha ghad-denunzja (fol. 72). A fol. 73 tammetti li hi xehdet dwar dak li kienu jghidulha n-nies. A fol. 119 fil-kontro-ezami taghha b'referenza ghall-pjanta a fol. 8 huma bieghu lil William Portelli r-raba' mmarkata fuq il-pjanti bl-ittri C u D. A fol. 123 terga' tikkonferma li hija qatt ma kienet tmur fihom. Tghid li hija offrietha lil Pawlu ghaliex Pawlu ghandu bicca raba' kbira tmiss maghha. Tghid li ma tafx liema hu r-raba' ghax qatt ma nizlet hi. Taf ta' Pawlu Portelli jmiss ma taghhom ghax Joseph Grech kien jghidilha li Pawlu dejjem jaqlalha l-qsami.

A fol. 76 xehed permezz ta' affidavit Mario Vella li ghal xi raguni jghid li fis-sena 2013 huwa ra ritratti ta' William Portelli jahdem ir-raba. Mal-affidavit ma gewx prezentati r-ritratti allura wisq anqas din il-Qorti tista' tivverifika li dan ix-xhud ra ritratti tar-raba' in kwistjoni u mhux ta xi raba' ohra.

Il-konvenut Wiliam Portelli xehed permezz ta' zewg affidavits u kontro-ezami. A fol. 78 jinsab l-ewwel affidavit ta' William Portelli fejn ghall-fatt li huwa ma jirrisjedix f'Malta huwa jixhed kif isegwi:

*'Niddikjara illi kull meta nkun gewwa l-gzira ta' Ghawdex jiena naqta' l-qasab, innaddafha mill-gebel, naqta' l-huxlief li jkun hemm u naghtih lil David Camilleri*

*maghruf bil-laqam 'Ta Bediq' ghax dak ghandu l-hmir. Qabel ma xtrajt din ir-raba' jiena, dan il-huxlief kien jingabar dejjem minn Guzepp Grech maghruf bil-laqam 'Tax-Xlendi'.*

Fit-tieni affidavit tieghu a fol. 85 et seq tal-process il-konvenut William Portelli jghid li r-raba' f'dawn l-inhawi in kwistjoni xtraha b'diversi kuntratti. L-ewwel erba' bicciet li juffirmaw tomna – mbaghad xtara l-feles tan-nofs minghand iz-zijiet. A fol. 86 jghid li :

'Kienet din ir-raba' flimkien ma' dawk li ghadni kemm semmejt li jiena hratt.'

Jixhed ukoll li xtara raba' ohra fl-istess inhawi li biex jasal ghaliha jghaddi minn fuq Pawlu Portelli. A fol. 86 jikkonferma li kien hu li qabbad lil Daniel jahdem l-art. Jinsisti li qabel beda jahdmu hu r-raba, li skont hu hemm il-kwistjoni fuqha, kien raba' zdingat.

Fil-kontro-ezami tieghu a fol. 199 et seq sarulu bosta mistoqsijiet dwar il-kuntratti u d-derivazzjonijiet li izda l-Qorti ma tqisx li ghandhom rilevanza ghall-kaz ta' spoll odjern. Jixhed li ohtu Rita Portelli flimkien ma' Joseph Grech nizzlet lill-Perit biex jaghmlu d-denunzji (Il-Qorti tinnota li din hija l-istess wahda li qalet li hi qatt ma nizlet l-hemm hlief mal-perit u li ma kinitx taf fejnha). Il-konvenut jaqbel li Pawlu Portelli ghandu r-raba' madwar tieghu meta wiehed ihares lejn il-pjanta ta' dak li xtara a fol. 8 fejn fuqha hemm indikata r-raba' suppost akkwistata mill-konvenut. Mistoqsi jafx li Pawlu kien jahrat kollox il-konvenut jghid li minn meta xtara hu le. Il-

konvenut jinsisti li dak li xtara huwa hu li jnaddaf ta' go fih u dan meta jigi darba f'sena ghal tliet xhur. Jaqbel izda li f'Novembru meta jinzara r-raba' ma jkunx hawn! Skont il-konvenut fir-raba' akkwistata minnu xlief biss ikun hemm u l-qasab ikun aktar 'il isfel, mal-wied. In kontro-ezami l-konvenut jikkonferma li lil David Camilleri (il-bedeq) kien biss ghal sentejn li tah il-huxlief ghax dan Camilleri rega' emigra. Jsostni li jekk ma jtihx lilu jhallih gozz hemmhekk. Jghid li jaqta' l-huxlief u jnehhi l-gebel kull sena. A fol. 218 jixhed:

*'X'hin ghamilt il-kuntratt fit-two thousand and ten (2010) Joseph Grech kien baqalu, kellu l-qott tal-huxlief . . . imbaghad ma dahalx izjed . . imbghad bdejt innaddaf jien.'*

Muri ritratti ta' raba' a fol. 223 u 224 kif mahduma minn Pawlu Portelli jghid li jaghraf ir-raba li kienet ta' ommu u missieru u jaghraf fis-CG 4 raba li xtara hu minghand Joseph Camilleri izda jsostni li dik mihijiex ir-raba' li ghandu l-Qorti fuqha. Ghall-kuntrarju ta' dak li jghidu xhieda ohra skont il-konvenut ir-raba' li jahdem Pawlu Portelli 'mhix bicca wahda' (ara fol. 222).

A fol. 80 jixhed permezz ta' affidavit Michael Sammut li jghid kif isegwi:

*'Illi dawn l-ahhar hames snin jiena kont dejjem qed nara mir-raba' tieghi lil certu William Portelli jahdem fl-istess raba Ta Splotti, ilaqqat il-huxlief, jaqta' il-qasab u jnaddaf il-gebel.'*

Fil-kontro-ezami tieghu (fol. 170) izda jghid li ilu sentejn ma jmur jahdem ir-raba' tieghu minhabba l-kundizzjoni ta' saqajh li ilu jbaghti biha tlieta/ erba' snin. Ghall-ewwel jghid li ma jafx liema hi r-raba Ta' Splotti li xehed fuqha hu stess fl-affidavit. Jiftakar izda li r-raba' hija maghrufa bhala tal-Hanaq u jikkonferma li biegh lil William Portelli zewg bicciet izda fuq il-pjanta ma jaghrafx x'biegh. Jikkonferma li Pawlu Portelli hemmhekk ghandu hafna raba' magenbu imma ma jaghrafx fuq il-pjanti liema hu tal-attur Pawlu Portelli u liema hu ta' William Portelli. Jghid ukoll li hemm distanza kbira minn fejn kien ikun hu fir-raba' ghar-raba' mibjugha, anzi jghid li hemm isfel kien ilu ftit snin ma jinzel. Jghid ukoll li r-raba' li kien jara lil William Portelli fih kien ta' Frencu Portelli. Kien ikun hemm is-silla gholja u kien jghidlu biex jaraw fejnhom il-qsami biex ma jidholx go tieghu (biex ma jidholx go ta' Joseph Grech).

A fol. 83 xehed permezz ta' affidavit fil-qosor hafna Joseph Grech li bosta xhieda jsemmuh li kien ikun hu li suppost kie jahdem ir-raba' li fuqha nqalghet il-kwistjoni odjerna. Huwa jghid li seba' snin qabel hu u hutu bieghu lil William Portelli u li qabel hu biss kien imur fiha. Jghid ukoll li:

*'Wara li bieghnilu ma dhaltx izjed.'*

Il-versjoni ta' Joseph Grech izda giet aktar aplifikata u ccarata meta huwa xehed fuq is-sit tar-raba' in kwistjoni fil-prezenza tal-Qorti. Fil-fatt a fol. 240 tinsab ix-xhieda tieghu bil-gurament fuq is-sit tar-raba' in kwistjoni waqt access tal-Qorti datat 31 ta' Mejju, 2018. Fuq il-post fil-fatt huwa jikkonferma li gor-raba' in kwistjoni fil-kawza odjerna cioe' dik indikata bl-

ittra B fuq il-pjanta a fol. 4 u li tigi bejn ir-raba' mmarkata bl-ittri C u D fil-pjanta a fol. 8 huwa kien jara lil Pawlu Portellil u mhux lill-konvenut William Portelli. Huwa jispjega appuntu li din hija r-raba' tan-nofs bejn dawk indikati bl-ittri C u D fil-process a fol. 8. Jikkonferma li hu kien ilaqqat tal-gnub li huma mmarkati bl-ittri C u D u mhux ir-raba' tan-nofs in kontestazzjoni fil-kawza odjerna. Jikkonferma li f'dik ir-raba' tan-nofs u cioe' dik ta' bejn li bieghu lil William Portelli fl-ahhar sitt snin kien ikun hemm Pawlu Portelli. Jixhed li huwa kien jara lil Pawlu Portelli gor-raba' li gejja miz-zijiet ta' Pawlu Portelli mhux fir-raba' li bieghu lil William Portelli huma. Jerga' jikkonferma li fl-ahhar tliet snin ir-raba' fin-nofs hadimha Pawlu. Anki qabel il-bejgh lil William Portelli jsostni li kien Pawlu Portellil li kien ilaqqat il-huxlief fil-porzjon raba' tan-nofs. Jixhed li fir-raba' taz-zijiet lil William Portelli qatt ma rah. Jghid ukoll li fir-raba' li nbiegh lil William Portelli cioe' dawk li jmissu ma' dik in kontestazzjoni huwa ma ra lil hadd jahdmu. Jerga' jikonferma a fol. 249 waqt l-access fuq is-sit in kwistjoni li fir-rigward tar-raba' in kwistjoni kif indikata bl-isfar a fol. 4 (kif setghet tivverifika l-posizzjoni taghha fuq is-sit l-istess Qorti meta qabblet il-pjanti mas-sit) kien Pawlu Portelli l-attur li kien ilaqqat il-huxlief. Din il-versjoni hija konferma ta' dak li xehed ix-xhud Joseph Portelli li kien jahdem din ir-raba' fuq ordni ta' Pawlu Portelli sa minn nofs is-snin tmenin. Dan jikkonfermawh ukoll ix-xhud Jesmond Xerri u Anthony Micallef li lkoll sostnew il-versjoni tal-attur Pawlu Portelli. Jirrizulta lil din il-Qorti li bosta mix-xhieda mressqa mill-konvenut ma kinux qed jixhdu fuq il-porzjon art in kwistjoni izda fuq dawk adjacenti.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi ghalkemm fl-atti tressqu bosta xhieda li lkoll kellhom x'jghidu taghhom dwar il-kwistjoni bejn il-partijiet jirrizulta lill-Qorti li dak li jsostnu x-xhieda mressqa mill-attur u cioe' li l-art indikata bl-isfar fuq il-pjanta a fol. 4 tal-process sa fejn jafu huma kienet fil-pussess tal-attur fil-mument li sehh l-ispoll, u bosta snin qabel, gie sahansitra konfermat mix-xhud principali tal-konvenut u cioe' minn Joseph Grech. Fil-fatt bosta mix-xhieda tal-konvenut xehdu fuq dak li sahansitra kien jghidilhom Joseph Grech li fuq il-post fil-prezenza tal-Qorti kkonferma bil-gurament li dik il-parti in kontestazzjoni ma nbieghetx minnhom lill-konvenut u li huwa minn dejjem ra fiha lil Pawlu Portelli. Illi ghalhekk johrog car li l-element tal-pussess gie ampjament pruvat mill-attur Pawlu Portelli.

Illi l-att spoljattiv da parti tal-konvenut William Portelli gie ammess minnu stess w'ghalhekk il-Qorti tqis li gie wkoll ampjament pruvat. Dwar l-element tal-*infra bimestre* fir-rikors guramentat l-attur isostni li dan sehh fis-29 ta' Marzu, 2016 jew gurnata ohra vicin u l-kawza giet intavolata fl-4 ta' Mejju, 2016 cioe' entro t-terminu ta' xahrejn. Dan jikkonfermah ukoll iben l-attur Stephen Portelli li kien hu li sab ir-raba' in kwistjoni mahruta. Fil-frattemp malli nstabet ir-raba' sahansitra ntbaghtu ittri legali u ittra ufficcjali f'April, 2016 mill-attur lill-konvenut sabiex jammetti l-ispoll u jiddikjara li mhux ser jerga' jidhol fl-istess raba' biex tigi evitata l-kawza izda dan ma ghamlux. Mill-atti ma jirrizultax li l-konvenut ikkontesta li l-att spoljattiv sar fil-granet ndikati mill-attur u x-xhieda tal-attur u ibnu ma gietx kontesta, ghalhekk il-Qorti tqis li anki l-element tal-azzjoni entro xahrejn huwa sodisfatt.

Illi in vista ta' dak kollu suespost il-Qorti tqis li l-pretensjonijiet tal-attur gew ampjament pruvati sal-grad rikjest mil-ligi w'ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi l-kawza odjerna billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut William Portelli bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt u tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet attrici kif isegwi:**

**Tiddikjara li l-konvenut William Portelli kkommetta spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu tar-rikorrent Paul Portelli fir-raba' tieghu "Ta' Spilotti" fl-inhawi ta' Triq tad-Duru, limiti ta' Nadur, Ghawdex (indikata bil-kulur isfar u bl-ittra B fil-pjanta fl-atti a fol. 4 tal-process) meta f'xi gurnata qrib id-disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu 2016 il-konvenut qabbad lil Daniel Camilleri jahrat parti minn din ir-raba';**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tat-12 ta' April 2016, u dik ufficjali tas-27 ta' April 2016 kontra l-konvenut.**

**Bir-riservi favur l-attur kif mitluba.**

**(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Magistrat**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**D/Registratur**